# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Dicembru, 2015

**Talba Nru: 535/2015 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Smith Malcolm**
**ID 44821A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi fit-13 ta' Lulu, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jghati lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mija u tmienja u sittin ewro u hdax-ill centezmu (€2,168.11) in kwantu ghal disa' mija u tletin ewro u tmien centezmi (€930.08) in konnessjoni ma' servizzi ta' Silver+Home Pack (AC40089209) u elf mitejn u tmienja u tlettin ewro u tlett centezmi (€1,238.03) in konnessjoni ma' Business Pack (AC40145629).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici li 'kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta' elfejn, mija u tmienja u sittin ewro u hdax-ill centezmu (€2,168.11) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill- konvenut ihallas l-ammont ta' elfejn, mija u tmienja u sittin ewro u hdax-ill centezmu (€2,168.11) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**